MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1064/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Mowjow Holding Limited (C-39125)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-so cjeta' attrici talbet hlas ta'tmien mija sebgha u hamsin ewro u disgha' u sittin centezmu (€857.69) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 1028010 u dan fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2011 mill- Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------